

**Sentenza tal-Qorti Ġeneral ta' Ottubru 2014 – Grau Ferrer vs UASI – Rubio Ferrer (Bugui va)**  
**(Kawża T-543/12) <sup>(1)</sup>**

[“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja figurattiva Bugui va — Trade mark figurattiva nazzjonali preċedenti Bugui u trade mark figurattiva Komunitarja preċedenti BUGUI — Raġuni relativa għal rifut — Ċaħda tal-oppożizzjoni — Artikolu 76(2) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Eżistenza tat-trade mark preċedenti — Assenza ta’ teħid inkunisiderazzjoni ta’ provi ppreżentati insostenn tal-oppożizzjoni quddiem il-Bord tal-Appell — Setgħa diskrezzjonal tal-Bord tal-Appell — Artikolu 42(2) u (3) tar-Regolament Nru 207/2009 — Il-punt (a) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 15(1) tar-Regolament Nru 207/2009 — Użu ġenwin mit-trade mark preċedenti — Forma li hija differenti imma biss fir-rigward ta’ ċerti elementi li ma jbiddlux il-karattru distin”]

(2014/C 439/36)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

### Partijiet

Rikorrent: Xavier Grau Ferrer (Caldes de Montbui, Spanja) (rappreżentant: J. Carbonell Callicó, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentanti: S. Palmero Cabezas u A. Folliard-Monguiral, aġġenti)

Partijiet oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġeneral: Juan Cándido Rubio Ferrer (Xeraco, Spanja) u Alberto Rubio Ferrer (Xeraco) (rappreżentant: A. Cañizares Doménech, avukat)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI, tal-11 ta' Ottubru 2012 (Każijiet magħquda R 274/2011-4 u R 520/2011-4), dwar prpoċedimenti ta’ oppożizzjoni bejn, minn naħa, Xavier Grau Ferrer u, min-naħħa l-oħra, Juan Cándido Rubio Ferrer u Alberto Rubio Ferrer.

### Dispożittiv

- 1) Id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI), tal-11 ta' Ottubru 2012 (Każijiet magħquda R 274/2011-4 u R 520/2011-4), hija annullata.
- 2) L-UASI għandu jbatisse l-ispejjeż rispettivi tiegħu kif ukoll dawk sostnati minn Xavier Grau Ferrer.
- 3) Juan Cándido Rubio Ferrer u Alberto Rubio Ferrer għandhom ibat lu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.

<sup>(1)</sup> ĠU C 55, 23.02.2013.

---

**Digriet tal-President tal-Qorti Ġeneral ta' Ottubru 2014 – Holistic Innovation Institute vs REA**

**(Kawża T-706/14 R)**

*(Miżuri provviżorji — Proġetti ffinanzjati mill-Unjoni Ewropea fil-qasam tar-riċerka u tal-iżvilupp teknoloġiku — Deċiżjoni ta’ rifjut ta’ parteċipazzjoni f’ċerti proġetti — Talba għal sospenzjoni tal-eżekuzzjoni — Interpretazzjoni żbaljata tar-rekwiżiti proċedurali — Inammissibbiltà)*

(2014/C 439/37)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

### Partijiet

Rikorrenti: Holistic Innovation Institute, SLU (Pozuelo de Alarcón, Spanja) (rappreżentant: R. Muñiz García, avukat)

Konvenut: Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka (REA) (rappreżentant: G. Gascard, aġġent)